MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Numru. 609/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Joseph Grech ta' 38 sena, iben Emmanuel u Jane nee' Dimech, imwieled Pieta', Malta fis-26 ta' April 1970, residenti 68, Triq il-Wied Mosta, Malta u detentur tal-karta tal-identita' numru 221070(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Grech akkuzat talli gewwa d-Dwejra f'San Lawrenz, Ghawdex u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta' Settembru 2008 ghal habta ta' bejn 16:00hrs u 17:00hrs:

1. offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghal pubbliku.
2. u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ta fastidju lil persuna ohra, b'mod li kien jew messu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna u dan ghad-detriment ta' Helena Wiser.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz huwa msejjes fuq rapport li sar minn mara ta' nazzjonalita svizzera certu Helena Wiser fejn dina allegat mal-pulizija illi waqt illi hija kienet qeghda gewwa d-Dwejra sejra ghal passeggjata, giet segwita minn persuna tas-sess maskili li f'salt kixef il-parti genitali tieghu meta hija kienet qeghda thares fid-direzzjoni tieghu. Hija tallega illi bezghet u ghalhekk waqqfet koppja ta' nazzjonlita taljana u talbithom l-ghajnuna, izda din il-koppja ma bdietx tifhem dak li kienet qed tghidilhom dina Wiser u ghalhekk hija regghet lura fil-parkegg fejn kellha l-karozza. Saqet, izda hija baqghet tigi segwita minn din il-perusna sal-parkegg fil-parti ta' isfel tad-Dwejra hdejn l-Inland Sea, fejn hemmhekk hija mbaghad fittxet l-ghajnuna ta' certu Joe Portelli li ghandu gabbana tal-gelati u li huwa konoxxenza taghha. Hija indikat lil dana Joe illi persuna kienet qed issegwiha b'vettura u dana Joe Portelli ha n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura illi huwa ra fil-parkegg qieghda thares lejn Wiser. Kien minn hawn illi fil-fatt il-pulizija wasslu ghal persuna tal-imputat. Dana kollu sehh fil-gurnata tas-17 ta' Settembru ghal habta tal-erbgha ta' wara nofs in-nhar. Ghal xi raguni, kien biss l-ghada illi dina Wiser ghamlet rapport lill-pulizija.

Illi mhux kontestat mill-imputat illi fil-fatt fil-gurnata indikata huwa kien jinsab id-Dwejra bil-vettura tieghu u cioe' dik

indikata minn Wiser u Joseph Portelli tal-gabbana, vettura tal-ghamla Toyota kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni DBI503. Madanakollu l-imputat kemm fl-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija, kif ukoll fix-xhieda moghtija minnu quddiem il-Qorti, cahad kategorikament illi ltaqa' ma' dina l-perusna u cioe' ma' Wiser, cahad illi f'xi hin segwa lil din il-persuna, kif ukoll cahad illi f'xi hin huwa espona il-parti genitali tieghu fil-pubbliku. L-imputat isostni illi huwa nizel ighum ghawma fl-Inland Sea, izda peress illi il-bahar ma kienx sabih huwa biddel, nehha l-malja u libes t-shirt abjad, qalziet ta' taht u shorts iswed. Illi dina l-malja u ix-shorts gew esebiti mill-imputat bhala Dokumenti C u D fl-atti tal-kawza. Ikompli jghid illi ghalhekk huwa tela lejn in-naha tat-torri bil-vettura tieghu sabiex imur passeggjata u jammira l-veduta tal-bahar. Ghalhekk ipparkeggja l-vettura tieghu u mexa sa xifer l-irdum. Huwa qaghad hemmhekk imbaghad mexa ftit iehor u ghamel xi ftit hin bil-qieghda. Wara huwa rega' rikeb fil-vettura tieghu u rega' nizel lejn il-parkegg ta' isfel fejn kien sejjer biex jixtri gelat halli jghaddi ftit tal-hin sakemm isirlu l-hin biex imur jigbor lil ommu kif kien miftiehem. Ghalhekk huwa nizel u pparkeggja fil-*parking area* vicin il-gabbana tal-gelati ta' Joseph Portelli, izda f'dak il-hin dahhlu xi messaggi fuq it-telefon cellulari tieghu u ghalhekk qaghad jarahom, imbaghad sarlu l-hin u u minflok  nizel jixtri l-gelat saq u telaq 'l hemm.

Ghalhekk il-Qorti hawnhekk ghandha quddiemha zewg verzjonijiet kompletament differenti. L-uniku xhud indipendenti huwa Joseph Portelli tal-gelati li ha n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tal-imputat, persuna li madanakollu ma ra xejn mill-allegat incident. Joseph Portelli jindika illi Wiser kienet tidher imbezza' meta marret tkellmu, li hija indikatlu l-persuna tal-imputat u l-vettura, bhala l-persuna u l-vettura li kienet qed issegwiha u Portelli jsostni illi meta hares lejn l-imputat fil-vettura tieghu huwa rah ihares lejn Wiser. Osserva ukoll illi meta Wiser telqet minn hdejh u marret sabiex tirkeb il-vettura taghha, ra lill-imputat idur mar-roundabout bil-vettura tieghu u isostni illi hekk kif l-imputat ra lil Wiser qed tohrog camera tar-ritratti sabiex tigbidlu ritratt, huwa saq minn fuq il-post.

Illi madanakollu mill-assjem tal-provi migjuba quddiem, il-Qorti ghandha dubbji serji dwar dak li qed tallega dina Helena Wiser u cioe’ jekk dak allegat minnha verament sehhx jew inkella jekk huwa minnu li dana sehh, jekk dina kenitx l-istess persuna tal-imputat.

Dana qed jinghad ghal diversi ragunijiet:

1. Illi f’diversi bnadi fix-xhieda taghha, Helena Wiser tidher li ma hijiex certa jekk il-persuna li allegatament taha fastidju, kenitx l-istess persuna li segwieha bil-vettura tieghu fid-Dwejra meta hija nizlet hdejn Joseph Portelli. Fix-xhieda taghha a fol.2 meta mistqosija mill-Ufficjal Prosekutur: “The man you saw in the car, do you know if he is the same that you saw before.” Wiser twiegeb minnufih “Yes. I am definitely sure. Yes”, imbaghad tkompli wara li l-Ufficjal Prosekutur jistaqsieha jekk tiftakarx dan…. “I can’t, because I can’t tell it’s the same man, but I realize this man who was following me, he also went to his car, he was following after the … it must be the same man.” Hanwhekk hija donna qed tasal ghal konkluzjoni li kienet l-istess persuna fuq assunsjoni u mhux b’certezza. Lanqas l-ghamla tal-vettura ma tiftakar ghajr li tghid li dina kienet vettura kulur abjad.
2. Wiser lanqas ma tidentfika b’mod car lil din il-perusna li tatha fastidju bhala l-persuna tal-imputat. Meta mistoqsija mill-Ufficjal Prosekutur, hija twiegeb illi ma tistax tgharrfu peress illi kien libes nuccali tax-xemx u kappell. Issostni “Actually, not definitely. Because this man he was wearing sunglasses, and a hat, so makes difference to someone.” Inoltre hija tghid illi din il-persuna dejjem baqghet imbieghda minnha ghal certu distanza u fl-ebda mument ma avvivinatha jew kellmitha. L-imputat fix-xhieda tieghu isostni illi huwa ma kellu la nuccali tax-xemx u lanqas ghandu kappell tax-xemx. Fil-fatt anke ix-xhud Joseph Portelli ighid illi meta rah fil-karozza l-imputat kien libes nuccali tal-vista. Dak li tkompli twiegeb sussegwentement jista’ jissejjah konfuzjoni shiha, peress illi mbaghad tghid illi “ninety-nine per cent” huwa l-imputat ghax “he is the type”, izda imbghad tkompli tghid “he is

not Maltese". Xi trid tfisser b'dawn il-kliem Wiser, il-Qorti ma tistax tifhem hlief illi hija qed tindika persuna meta ma hijiex mija fil-mija certa illi hija l-istess wahda li rat fil-gurnata in kwistjoni!

3. Lanqas ma hu car ezattament fejn kienet Wiser meta rat lill-imputat qed isegwieha. Dana qed jinghad ghaliex hija tghid illi kienet miexja mal-kosta u l-imputat kien qieghed in-naha ta' fuq lejn it-torri. "Well, I was walking down there, along the coast, having a look around, and then I realized somewhere up there, a man was also walking around." Imbaghad iktar 'il quddiem fix-xhieda taghha issostni illi kienet bil-qieghda hdejn il-Fungus Rock.

4. Wiser tkompli tghid fix-xhieda taghha illi wara li kellmet lil koppja Taljana u tallbithom l-ghajnuna dawn ma fehmux dak li kienet qed tghidilhom u ghalhekk marret lejn il-karozza u saqet minn fuq il-post. Il-Qorti hawnhekk issibha stramba kif f'dan il-mument meta Wiser setghet facilment titlaq minn fuq il-post hija ghazlet li tinzel hdejn Joseph Portelli sabiex tghidlu dak li kien gralha. Kieku kien minnu li kienet imbezza' kif issostni, kienet certament issuq u titlaq minn fuq il-post sabiex titbieghed kemm jista' ikun minn dana l-bniedem li tant kien qieghed ibezzaghha u mhux baqghet hemmhekk titkellem ma' Joseph Portelli. "And then I think when he see I go, I was going in my car he also went to his car, it was high up in another car park, and I was going down to the big car park, in Dwejra, because I know the iceman down there…"

5. Ghalkemm Joseph Portelli Jghid illi meta Wiser avvicinatu u indikatlu lill-imputat qaltlu l-kliem "it's him, it's him", dana ma jikkorrispondix ma' dak li tixhed Wiser. Fil-fatt hija tghid illi lil Portelli hija indikatlu biss illi xi hadd kien qieghed isegwieha. Kien Portelli li ra l-vettura tal-imputat u indika lil Wiser li dan ir-ragel kien qieghed ihares lejha. Fil-fatt hija tghid illi meta nizzlet fil-car park "so actually I couldn't see from face to face, but Joseph wrote down the car number when he left." Portelli jghid ukoll illi Wiser kellha camera tar-ritratti u hekk kif l-imputat allegatament ra li ser tehodlu ritratt, l-imputat saq u telaq minn fuq il-post. Wiser madanakollu ma ssemmi xejn minn dana kollu fix-xhieda taghha. La ssemmi li kellha xi camera tar-ritratti

dakinhar fuqha u wisq anqas issemmi illi qabel telaq minn fuq il-post hija kienet ser tigbed xi ritratt tal-imputat!

Il-Qorti ghalhekk fid-dawl ta’ dawn id-dubbji kollha ma tistax tasal ghal konkluzjoni illi kien l-imputat, il-persuna illi allegatament ta fastidju lil Helena Wiser. Illi dana d-dubbju fil-kamp penali jimmilita favur l-imputat peress illi l-ebda kundanna ma tista tigi inflitta fuq persuna akkuzata meta f’mohh dak illi jrid jiggudika hemm dubbju serju dwar kif sehh dana l-incident u min kienu l-persuni involuti fl-istess. Dana qed jinghad ukoll peress illi l-imputat fl-ebda hin ma ammetta l-involviment tieghu f’dana l-allegat incident, anzi jsostni illi fl-ebda hin huwa ma osserva lil Helena Wiser fil-vicinanzi tieghu.

Illi finalment ghandu jinghad illi mix-xhieda prodotti mid-difiza, jidher illi l-imputat huwa sacredot ezemplari li qed jaqdi d-dmirijiet tieghu fil-komunita pastorali li huwa jmexxi gewwa l-parocca tal-Isla b’mod impekkabbli. Dana ma jfissirx b’daqshekk illi bniedem ma jistax ikollu l-mumenti dghajfa tieghu jew li ma jistax jizbalja, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora dak illi johrog mix-xhieda li giet imressqa mid-difiza, iktar u iktar fid-dawl tad-dubbji serji u kunflitt fil-provi li johorgu mill-atti processwali.

Ghaldaqstant peress illi jirrizulta kunflitt fil-provi, il-Qorti qieghed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------